

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 6 ta' April 2018

Jeħtieġ li d-drittijiet fundamentali ta' persuni akbar fl-età jkunu protetti aħjar.

Kważi 60 % tal-Ewopej jaraw l-età avvanzata bħala żvantaġġ meta jkunu qed ifittxu impjieg. Is-soċjetajiet ta' spiss iħarsu lejn persuni akbar fl-età bħala piżijiet. Ta' spiss ninjoraw id-drittijiet bażiċi tal-bniedem tal-persuni akbar fl-età li jaħdmu magħna. Din is-sena, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fir-rapport tal-2018 tagħha tesplora kif approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għar-rispett fil-konfront ta' persuni akbar fl-età qed jibda jidħol fis-seħħ.

"Id-drittijiet fundamentali mhumiex biss għaż-żgħażaġħ. Jipproteġu lil kulħadd irrelevanti mill-età," qal id-Direttur ta' FRA [Michael O'Flaherty](#). *"Hemm bżonn li nagħmlu aktar biex nipproteġu lill-membri akbar fl-età tal-komunitajiet tagħna. Wasal iż-żmien li nittraduċu l-impenni politiċi f'azzjonijiet tanġibbli. Hemm bżonn li niddefendu d-drittijiet ċivili, politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali tal-persuni akbar fl-età."*

[Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali](#) ta' din is-sena jiddedika l-kapitolu fokali tiegħu lit-trattament ugwali għall-persuni akbar fl-età u lir-rispett lejn id-drittijiet fundamentali tagħhom. Jirrikonoxxi s-sensibilizzazzjoni li dejjem qed tiżdied dwar il-kwistjoni u kif il-politiki qed jinbidlu biex jirrispettaw aħjar id-drittijiet tagħhom. Madankollu, jirakkomanda li ma għandux jintuża approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" peress li l-ostakoli li jiffaċċjaw nisa, minoritajiet etniċi u persuni b'diżabilitajiet jistgħu jiżdiedu meta javvanzaw fl-età. Iwissi wkoll kif iż-żgħażaġħ tal-lum jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet aktar tard fil-ħajja jekk l-edukazzjoni tagħhom tkun fqira u ma jkunux jistgħu jsibu impjieg.

Dan jenfasizza l-bżonn li titwessa' l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-età billi tiġi adottata d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali tal-UE li testendi protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni lil hinn mill-impjieg sa aċċess għas-servizzi, abitazzjoni u kura tas-saħħa, eċċ. Jissuġġerixxi wkoll użu aħjar tal-fondi tal-UE għall-promozzjoni tal-inklużjoni u t-trattament ugwali għall-persuni akbar fl-età.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja: media@fra.europa.eu / Tel: +43 1 580 30 642